

31994L0078

L 354/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.12.1994

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 94/78/KE****tal-21 ta' Diċembru 1994****li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 78/549/KEE fejn għandhom x'jaqsmu l-protezzjoni tar-roti tal-vetturi bil-mutur**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

*L-Artikolu 1*

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/81/KEE<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tagħha,

Id-Direttiva 78/549/KEE hi emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, il-kliem "(kif definit fl-Anness I mad-Direttiva 70/156/KEE)" huma sostitwiti bil-kliem "(kif definit fl-Anness II A mad-Direttiva 70/156/KEE)".
2. L-Annessi I u II huma emendati skond il-punti 1, 2 u 3 ta' l-Anness t'hawnhekk.
3. L-Anness III li hemm fil-punt 4 ta' l-Anness t'hawnhekk hu miżjud.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 78/549/KEE tat-12 ta' Ġunju 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tar-roti tal-vetturi bil-mutur<sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

*L-Artikolu 2*

Billi d-Direttiva 78/549/KEE hija waħda mid-direttivi separati tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li ġiet stabbilita mid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE; billi, b'konsegwenza, d-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 70/156/KEE li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi, l-komponenti u l-untitajiet tekniċi separati tal-vetturi japplikaw għal din id-Direttiva;

1. B'effett mill-1 ta' Lulju 1995 l-Istati Membri ma jstgħux, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tar-roti:

— jirrifjutaw, fir-rigward ta' tip ta' vettura bil-mutur, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew l-approvazzjoni ta' tip nazzjonali, jew

— jipprohibixxu r-reġistrazzjoni, l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi

jekk il-protezzjoni tar-roti tikkonforma mal-ħtiġiet tad-Direttiva 78/549/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Jannar 1996, l-Istati Membri:

— m'għandhomx iktar jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, u

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali

għal tip ta' vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tar-roti jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 78/549/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva, mhumiex sodisfatti.

Billi, b'mod partikolari, l-Artikoli 3(4) u 4 (3) tad-Direttiva 70/156/KEE jinħtieġu li kull direttiva separata jkollha anness magħha dokument ta' informazzjoni li jinkorpora l-punti rilevanti ta' l-Anness I ma' dik id-Direttiva u wkoll ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip ibbażat fuq l-Anness VI magħha sabieħ dik l-approvazzjoni tat-tip tista' tiġi kompjuterizzata;

Billi n-numru ta' karożżi tal-passiġġieri *four-wheel-drive* qed jiżdied, kemm jekk il-*four-wheel-drive* hu ngaġġat b'mod permanenti, awtomatikament jew taħt il-kontroll tax-xufier; billi, hu neċessarju, fil-każ ta' dawn il-karożżi tal-passiġġieri, u fid-dawl tal-progress tekniku, li jkunu riveduti ċerti parametri ta' disinn u ta' operazzjoni u li jiġu emendati xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 78/549/KEE b'mod li jirrifletti s-sitwazzjoni tas-suq kurrenti u fil-ġejjieni u li hu konsistenti mal-prattika kif suppost ta' disinn, kostruzzjoni u funzjonament mingħajr periklu;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattazzjoni għall-Progress Tekniku stabbilit mid-Direttiva 70/156/KEE,

*L-Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1995. Għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

<sup>(1)</sup> ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 264, tat-23.10.1993, p. 49.

<sup>(3)</sup> ĠU L 168, tas-26.6.1978, p. 45.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandu jkollhom magħhom din ir-riferenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-riferenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

*L-Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmulha fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1994.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membri tal-Kummissjoni*

---

## L-ANNEX

1. Dan li ġej hu mdaħħal immedjament qabel l-intestatura "L-Anness I":

"Lista ta' l-Annessi

L-Anness I	Ħtiġiet ġenerali, ħtiġiet speċjali, l-użu tal-ktajjen, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, l-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, emendi għall-approvazzjonijiet, il-konformità tal-produzzjoni
L-Anness II	Id-dokument ta' informazzjoni
L-Anness III	Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip"

2. L-Anness I hu emendat kif ġej:

- (a) L-intestatura li ġejja ma' l-Anness I hi mdaħħla:

**"ĦTIĠIET ĠENERALI, ĦTIĠIET SPEĊJALI, L-UŻU TAL-KTAJJEN, L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE, L-GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE, EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJET, IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI"**

- (b) Il-punt 2.1 huwa sostitwit b' li ġej:

"2.1 Il-protezzjon tar-roti għandhom jikkonformaw mall-ħtiġiet li ġejjin meta l-vettura qiegħda taħdem (ara l-punt 2.6 ta' l-Anness II) u qed iġġorr passiġġier wieħed fis-sedil ta' quddiem u r-roti huma fil-pożizzjoni dritt lejn 'il quddiem:"

- (c) Il-punt 2.1.1 huwa sostitwit b' li ġej:

"2.1.1. Fil-parti fformata mill-pjanijiet radjali f'angolu ta' 30 lejn 'il quddiem u 50 lejn lura taċ-ċentru tar-roti (ara Figura 1), il-wisa' totali (q) tal-protezzjoni tar-roti għandha tkun mill-inqas suffiċjenti biex tkopri l-wisa' tat-tip totali (b) b'akkont meħud ta' l-estremi tal-kombinazzjoni tat-tijer/rota kif speċifikat mill-manifattur u kif indikat fil-punt 1.3 ta' l-Appendiċi ma' l-Anness III. Fil-każ tar-roti pari, il-wisa' totali taż-żewġ tyres (t) għandu jittieħed akkont tiegħu."

- (d) Il-punt 3.1 huwa sostitwit b' li ġej:

"3.1. Fil-każ ta' vetturi fejn żewġ roti biss huma misjuqa, il-manifattur għandu jċertifika li l-vettura hija hekk iddisinjata li mill-inqas tip wieħed ta' katina tal-borra tista' tiġi wżata fuq mill-inqas wieħed mit-tipi ta' rota u tyre approvat għar-roti tas-sewqan ta' dik it-tip ta' vettura. Kombinazzjoni waħda ta' katina/tyre/rota li hi tajba għall-vettura għandha tiġi speċifikata mill-manifattur u indikata fil-punt 1,2 ta' l-Appendiċi ma' l-Anness III."

- (e) Il-punti l-ġodda li ġejjin 3.2 u 3.3 għandhom jiżdiedu mal-punt 3:

"3.2. Fil-każ ta' vetturi fejn erba' roti huma misjuqa, inklużi l-vetturi fejn fus wieħed tas-sewqan jista' jinqala' bl-idejn jew awtomatikament, il-manifattur għandu jċertifika li l-vettura hija hekk iddisinjata li mill-inqas tip wieħed ta' katina tal-borra tista' tiġi wżata fuq mill-inqas wieħed mit-tipi ta' rota u tyre approvat għall-mill-inqas fus wieħed tas-sewqan, li ma jistax jinqala', ta' dik it-tip ta' vettura. Kombinazzjoni waħda ta' katina/tyre/rota li hi tajba għall-vettura u għar-roti tas-sewqan li magħhom dawn il-ktajjen jistgħu jitqiegħdu għandha tiġi speċifikata mill-manifattur u indikata fil-punt 122 ta' l-Appendiċi ma' l-Anness III.

3.3. L-Istruzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tip jew it-tipi ta' ktajjen li jistgħu jiġu wżati għandhom ikunu ma' kull vettura li hija skond is-serje li tikkonforma mal-vettura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE."

- (f) Il-punt 4.1 huwa sostitwit b' li ġej:

"4.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' vettura fejn għandhom x'jaqsmu l-protezzjoni tar-roti għandha tkun sottomessa mill-manifattur."

- (g) Il-punt 4.2 huwa sostitwit b' li ġej:

"4.2. Mudell għad-dokument ta' l-informazzjoni hu mogħti fl-Anness II."

- (h) Il-punti 4.2.1 u 4.2.2 huma mħassra.

(i) Il-punti li ġejjin 5, 6 u 7 huma miżjuda:

“5. L-GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT

5.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti huma sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE skond l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata.

5.2. Mudell għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE hu mogħti fl-Anness III.

5.3. Numru ta' l-approvazzjoni konformi ma' l-Anness VII mad-Direttiva 70/156/KEE għandu jkun mogħti lil kull tip ta' vettura approvata. L-istess Stat Membru m'għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

6. MODIFIKAZZJONIJIET TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET

6.1. Fil-każ ta' modifikazzjonijiet tat-tip ta' vettura approvat skond din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.

7. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

7.1. Miżuri biex jassiguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.”

3. L-Anness II huwa sostitwit b'li ġej:

“L-ANNESS II

Dokument ta' informazzjoni Nru.....

skond l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE li għandha x'taqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' vettura fejn għandhom x'jaqsmu l-protezzjoni tar-roti, d-Direttiva 78/549/KEE, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva...../...../KEE.

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinnji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettall suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo *folder* ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0 ĠENERALI

0.1. L-għamla g (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. It-tip u d-deskrizzjoni(jiet) ġenerali kummerċjali:

0.3. Il-meżż ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat, fuq il-vettura <sup>(b)</sup>:

0.3.1 Il-lok ta' dak l-immarkar:

0.4. Il-kategorija tal-vettura <sup>(c)</sup>:

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:

0.8. L-indirizz(i) ta' impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

1. KARATTERISTIĊI TAL-KOSTRUZZJONI ĠENERALI TAL-VETTURA

1.1. Ritratti u/jew disinnji ta' vettura rappreżentattiva.

1.3. In-numru ta' fusijiet u roti:

1.3.1. In-numru u l-pożizzjoni tal-fusijiet b'roti doppji.

2. IL-MASES U D-DIMENSIJONIJIET <sup>(e)</sup>

(f'kg u mm) (irreferi għad-disinn meta applikabbli)

2.4. Il-medda tad-dimensjonijiet tal-vettura (globalment)

2.4.1. Għax-*chassis* mingħajr karozzerija

In-numri tal-punti u n-noti ta' qiegħ il-paġna użati f'dan id-Dokument ta' Informazzjoni jikkorrispondu għal dawk stipulati fl-Anness I mad-Direttiva 70/156/KEE.

Il-punti li mhumiex rilevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva tħallew barra.

- 2.4.1.3 L-għoli (mhux mgħobbija) <sup>(1)</sup>(Għal *suspension* aġġustabbli għall-għoli, indika l-pożizzjoni normali ta' tħaddim):
- 2.4.2. Għax-*chassis* mingħajr karozzerija
- 2.4.2.3. L-għoli (mhux mgħobbija) <sup>(1)</sup> (Għal *suspension* aġġustabbli għall-għoli, indika l-pożizzjoni normali ta' tħaddim):
- 2.6. Il-massa tal-vettura bil-karozzerija f'pożizzjoni ta' tħaddim, jew il-massa tax-*chassis* bil-kabina jekk il-manifattur ma jqiegħedx il-karozzerija (inkluż il-likwidu li jkessaħ, iż-żjut, il-karburant, l-għodda, ir-rotta *spare* u x-xufier) <sup>(6)</sup> (il-massimu u l-minimu għal kull verżjoni):
- 6 IS-SUSPENSION
- 6.6. It-tyres u r-roti
- 6.6.1. Il-kombinazzjoni(jiet) *tyre/rota* (Għal *tyres* indika d-daqs meħud, l-indiċi tal-kapaċità tat-tagħbija minima, is-simbolu tal-kategorija minima tal-veloċità; għar-roti indika id-daqs(jiet) tar-rimmijiet u l-*off-set(s)*)
- 6.6.1.1. Il-fusijiet
- 6.6.1.1.1. Il-fus 1:
- 6.6.1.1.2. Il-fus 2:
- 6.6.1.1.3. Il-fus 3:
- 6.6.1.1.4. Il-fus 4:
- 6.6.4. Il-kombinazzjoni katina/*tyre/rota* fuq il-fus ta' quddiem u/jew ta' wara li hi xierqa għat-tip ta' vettura kif rakkomandata mill-manifattur.
9. IL-KAROZZERIJA
- 9.16. Il-protezzjoni tar-roti
- 9.16.1. Deskrizzjoni fil-qosor tal-vettura fejn għandha x'taqsam il-protezzjoni tar-roti:
- 9.16.2. Disinji dettaljati tal-protezzjoni tar-roti u l-pożizzjoni tagħhom fuq il-vettura li juru d-dimensjoni speċifikata fil-Figura 1 ta' l-Anness I mad-Direttiva 78/549/KEE u li jieħdu kont ta' l-estremi tal-kombinazzjonijiet tat-*tyre/tar-rotta*."

4. L-Anness III li ġej hu miżjud:

"L-ANNESS III

**MUDELL**

(Il-format massimu: A4 (210 × 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna

- l-approvazzjoni tat-tip <sup>(1)</sup>
- l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip <sup>(1)</sup>
- iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip <sup>(1)</sup>
- l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip <sup>(1)</sup>

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata <sup>(1)</sup> skond id-Direttiva . . . . . / . . . . . /KEE, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva . . . . . / . . . . . /KEE.

In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:

Ir-raġuni għall-estensjoni:

<sup>(1)</sup> Ħassar meta mhux applikabbli.

**It-Taqsima I**

- 0.2. L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. It-tip u d-deskrizzjoni(jiet) ġenerali kummerċjali:
- 0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/l-komponent/l-unità teknika separata <sup>(1)</sup> <sup>(2)</sup>:
- 0.3.1. Il-lok ta' dak l-immarkar:
- 0.4. Il-kategorija tal-vettura. <sup>(3)</sup>
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal-KEE:
- 0.8. L-isem(ijiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assembلاغ:

**It-Taqsima II**

- 1 Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): ara l-Appendiċi
- 2 Is-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet:
- 3 Id-data tar-rapport tat-test:
- 4 In-numru tar-rapport tat-test:
- 5 Rimarki (jekk hemm): ara l-Appendiċi
- 6 Il-post:
- 7 Id-Data:
- 8 Il-Firma:
- 9 L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

*L-Appendiċi*

għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE Nru.....

li jikkonċerna l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fejn għandha x'taqsam id-Direttiva 78/549/KEE kif l-aħħar emendata mid-Direttiva...../...../KEE

1. Informazzjoni addizzjonali
  - 1.1. Deskrizzjoni fil-qosor tal-vettura fejn għandha x'taqsam il-protezzjoni tar-roti:
  - 1.2. Il-kombinazzjoni tad-daqs tal-katina/t-tyre/ir-rotta fuq il-fus ta' quddiem u/jew ta' wara speċifikat mill-manifattur:
  - 1.3. Il-kombinazzjoni(jiet) tat-tyre/ir-rotta inklużi *set-offs* speċifikati mill-manifattur:
5. Rimarki.

(1) Ħassar fejn ma japplikax.

(2) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: "?" (eż. ABC??123??).

(3) Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE."